2026/1467

30.6.2026

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/1467

tad-29 ta' Ġunju 2026

li temenda l-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK dwar l-istabbiliment ta' Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 42(4) u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-25 ta' Novembru 2005, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK [1] dwar l-istabbiliment ta' Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah).

(2) Fit-30 ta' April 2025, fil-kuntest tar-Rieżami Strateġiku kkoordinat tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) u EU BAM Rafah, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) qabel li l-mandati taż-żewġ missjonijiet jenħtieġ li jiġu estiżi sat-30 ta' Ġunju 2027.

(3) Fis-26 ta' Ġunju 2025, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2025/1283 [2] li emendat l-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK u estendiet il-mandat tal-EU BAM Rafah sat-30 ta' Ġunju 2026.

(4) Fil-konklużjonijiet tiegħu tad-19 ta' Marzu 2026, il-Kunsill Ewropew afferma mill-ġdid, fost affarijiet oħra, l-impenn tal-Unjoni għad-dritt internazzjonali u paċi komprensiva, ġusta u dejjiema bbażata fuq is-soluzzjoni ta' żewġ stati. Il-Kunsill Ewropew tenna wkoll ir-rieda tal-Unjoni li taħdem fuq l-implimentazzjoni tal-Pjan Komprensiv biex Jintemm il-Konflitt f'Gaża f'konformità mar-Riżoluzzjoni 2803 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (UNSCR 2803), appellat għall-implimentazzjoni shiħa mill-partijiet kollha għall-waqfien mill-ġlied u tad-dispożizzjonijiet l-oħra kollha tal-UNSCR 2803, f'konformità mar-Riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti u l-prinċipji politiċi u legali internazzjonali.

(5) Fil-25 ta' Ġunju 2026, filwaqt li jqis l-informazzjoni pprovduta mill-Iżrael u mill-Awtorità Palestinjana, il-KPS qabel li l-mandati kemm tal-EUPOL COPPS kif ukoll tal-EU BAM Rafah jenħtieġ li jiġu estiżi bi tliet xhur.

(6) F'dan il-kuntest, EUBAM Rafah jenħtieġ li jiġi estiż sat-30 ta' Settembru 2026.

(7) Għalhekk jenħtieġ li l-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK tiġi emendata skont dan.

(8) EU BAM Rafah ser titwettaq fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' tfixkel il-kisba tal-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif jinsab fl-Artikolu 21 tat-Trattat,

[1] L-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2005/889/PESK tal-25 ta' Novembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntiera għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) (ĠU L 327, 14.12.2005, p. 28, ELI: http://data.europa.eu/eli/joint_action/2005/889/oj).

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2025/1283 tas-26 ta' Ġunju 2025 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK dwar l-istabbiliment ta' Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) (ĠU L, 2025/1283, 27.6.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/1283/oj).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 13(1), is-subparagrafu finali jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-EU BAM Rafah għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2025 sat-30 ta' Settembru 2026 għandu jkun ta' EUR 7 918 667,53.";

(2) fl-Artikolu 16, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Għandha tiskadi fit-30 ta' Settembru 2026.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2026.

Magħmul fil-Lussemburgu, id-29 ta' Ġunju 2026.

Għall-Kunsill

Il-President

M. MOUSHOUTTAS